

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Settembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen Sad Sofia-grad -il-Bulgarija) — “DP grup” EOOD vs Direktor na Agentsia “Mitnitsi”**

(Kawża C-138/10) <sup>(1)</sup>

**(Unjoni doganali — Dikjarazzjoni doganali — Aċċettazzjoni mill-awtorità doganali ta' din id-dikjarazzjoni — Invalidazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali diġà aċċettata — Konsegwenzi fuq il-miżuri penali)**

(2011/C 319/10)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

#### Qorti tar-rinviju

Administrativen Sad Sofia-grad.

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “DP grup” EOOD

Konvenuta: Direktor na Agentsia “Mitnitsi”

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Administrativen sad Sofia-grad — Interpretazzjoni tal-Artikolu 4(5), tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(1), u tal-Artikoli 62, 63 u 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307) — Aċċettazzjoni mill-awtorità doganali tad-dikjarazzjoni doganali maġhmula bil-miktub mill-persuna responsabbli għall-ħlas tad-dazji doganali — Assimilazzjoni ta' tali aċċettazzjoni ma' deċiżjoni amministrattiva suġġetta għal sħarriġ ġudizzjarju — Aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni b'mod provviżorju sakemm issir il-verifika finali tal-informazzjoni li hemm fiha permezz ta' evalwazzjoni speċjalizzata intiża sabiex jiġi kkonfermat il-kodiċi tariffarju — Delimitazzjoni tal-kontroll eżerċitat mill-awtorità doganali waqt din il-verifika

#### Dispożittiv

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam doganali għandhom jiġu interpretati fis-sens li dikjarant ma jistax jitlob lil qorti sabiex tannulla d-dikjarazzjoni doganali li jkun fassal meta din tkun ġiet aċċettata mill-awtoritajiet doganali. Min-naħa l-oħra, taħt il-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 66 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006, dan id-dikjarant jista' jitlob lil dawn l-awtoritajiet sabiex jinvalidaw din id-dikjarazzjoni, u dan anki wara li jkunu rrilaxxaw il-merkanzija. Fi tmiem l-evalwazzjoni taqgħom, l-imsemmija awtoritajiet għandhom, bħal ħsara għall-possibiltà ta' azzjoni ġudizzjarja, jew jiċċedu t-talba tad-dikjarant permezz ta' deċiżjoni motivata, jew jgħaddu għall-invalidazzjoni mitluba.

<sup>(1)</sup> ĠU C 148, 5.06.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Settembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court of the United Kingdom — ir-Renju Unit) — Williams et vs British Airways plc**

(Kawża C-155/10) <sup>(1)</sup>

**(Kundizzjonijiet tax-xogħol — Direttiva 2033/88/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Dritt għal-leave annwali — Piloti tal-linji tal-ajru)**

(2011/C 319/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Qorti tar-rinviju

Supreme Court of the United Kingdom

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Williams et

Konvenuta: British Airways plc

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Supreme Court of the United Kingdom — Interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, tat-23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197) u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381) — Portata tal-obbligi imposti mid-direttivi fir-rigward tan-natura u tal-ammont tal-ħlas għall-perjodi tal-leave annwali bil-ħlas — Marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri għall-iffissar tar-regoli — Leave annwali bil-ħlas għall-piloti tal-linji tal-ajru

#### Dispożittiv

L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, kif ukoll il-klawżola 3 tal-anness għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Ajru (IACA), għandhom jiġu interpretati fis-sens li pilota tal-linji tal-ajru, matul il-leave annwali tiegħu, mhux biss għandu d-dritt li jżomm is-salarju bażiku tiegħu, iżda wkoll, minn naħa, l-elementi kollha marbuta b'mod intrinsiku mal-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt il-kuntratt tax-xogħol tiegħu u li huma kkompensati b'ammont ta' flus inkluż fil-kalkolu tar-remunerazzjoni globali tiegħu u, min-naħa l-oħra, l-elementi kollha relatati mal-istatus personali u professjonali tal-pilota tal-linji tal-ajru.

Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk id-diversi elementi li jagħmlu r-remunerazzjoni globali tal-ħaddiem jilhqqu dawn il-kriterji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 19.06.2010.